

Brussell, 14 ta' Settembru 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0225 (COD)**

12183/17
ADD 2

CYBER 127
TELECOM 207
ENFOPOL 410
CODEC 1397
JAI 785
MI 627
IA 139

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 501 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-ENISA, l-“Aġenzija tal- UE għaċ-Ċibersigurtà” li jħassar ir-Regolament (UE) 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal- Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (“l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà”)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 501 final.

Mehmuż: SWD(2017) 501 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2017
SWD(2017) 501 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-ENISA, l-“Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà” li jħassar ir-Regolament (UE)
526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-
Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (“l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà”)

{COM(2017) 477 final}
{SWD(2017) 500 final}
{SWD(2017) 502 final}

A. IL-ĦTIEĠA GĦALL-AZZJONI

X'inh i-problema u għaliex hija problema?

It-teknoloġiji diġitali u l-Internet huma s-sinsla tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-UE. Setturi ekonomiċi kritiċi bħalma huma t-trasport, l-enerġija, il-kura tas-saħħa u l-finanzi saru dejjem aktar dipendenti fuq in-netwerks u fuq is-sistemi tal-informazzjoni biex joperaw. L-Internet tal-Oġġetti jgħaqqad l-oġġetti u n-nies permezz tan-netwerks tal-komunikazzjoni. Din ir-realtà l-għdida toħloq ukoll opportunitajiet u vulnerabbiltajiet li qatt ma deheru qabel. L-inċidenti ċibernetiċi qed tabilħaqq jiżdiedu ħafna. Il-kumplessità, il-frekwenza u l-iskala tal-impatt tagħhom – mill-aċċess għas-servizzi essenzjali għall-proċessi demokratiċi – huma mistennija jkomplu jiżdiedu.

F'dan il-kuntest, ġew identifikati dawn il-problemi interrelatati:

- Il-frammentazzjoni tal-politiki u l-approċċi taċ-ċibersigurtà madwar l-Istati Membri;
- Riżorsi u approċċi sparpaljati għaċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE.
- Nuqqas ta' sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini u l-kumpaniji, rigward il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT li jixtru, flimkien maż-żieda fid-diversi skemi nazzjonali u settorjali taċ-ċertifikazzjoni li qed joħroġu.

Dawn il-problemi għandhom impatt fuq ir-reżiljenza ċibernetika tal-UE u fuq il-funzjonament effettiv tas-suq intern.

X'għandu jinkiseb?

L-għanijiet politiċi speċifiċi ta' din l-inizjattiva huma kif ġej:

1. Iż-żieda fil-kapaċitajiet u l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri u tan-negozji, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastrutturi kritiċi.
2. It-titjib tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE.
3. Iż-żieda tal-kapaċitajiet fil-livell tal-UE biex jikkumplimentaw l-azzjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari f'każ ta' kriżijiet ċibernetiċi transfruntiera.
4. It-titjib tas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u n-negozji dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà.
5. It-titjib tat-trasparenza ġenerali tal-assigurazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq uniku diġitali u fl-innovazzjoni diġitali.
6. L-evitar tal-frammentazzjoni tal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni fl-UE u r-rekwiżiti tas-sigurtà u l-kriterji tal-evalwazzjoni relatati madwar l-Istati Membri u fis-setturi kollha.

X'inh u l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Hekk kif id-diġitalizzazzjoni u l-interkonnnessjoni tal-ekonomija u s-soċjetà għandhom firxa globali, id-dimensjoni tal-problema taqbeż ferm il-fruntieri tal-Istati Membri individwali.

Għalhekk, invent fil-livell tal-Unjoni huwa meħtieġ. Fil-kuntest attwali u fid-dawl tax-xenarji futuri, jidher li azzjonijiet individwali tal-Istati Membri u approċċ frammentat għaċ-ċibersigurtà, b'mod speċjali minħabba d-dimensjoni transfruntiera tiegħu, ma jistgħux iżidu r-reżiljenza ċibernetika kollettiva tal-Unjoni.

B. SOLUZZJONIJIET

X'inhuma l-għażliet varji biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le?

Din il-valutazzjoni tal-impatt tesplora sett speċifiku ta' għażliet ta' politika, u tkopri r-rieżami tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-ICT.

Rieżami tal-ENISA

Għażla 0 – Xenarju bażi – Din l-għażla hija dwar il-preżervazzjoni tal-istatus quo. Il-mandat tal-ENISA jiġi estiż u l-objettivi u l-kompiti tal-Aġenzija jibqgħu fil-biċċa l-kbira ma jinbidlux, filwaqt li jitqiesu l-komptit fdati f'idejn l-ENISA minn liġi sussegwenti tal-UE (eż id-Direttiva NIS).

Għażla 1 - Il-mandat tal-ENISA jiskadi (l-ENISA tintemm). Din l-għażla tkun twassal għat-terminazzjoni tal-ENISA fi tmiem il-mandat tagħha (Ġunju 2020), u possibbilment għat-tqassim mill-ġdid tal-kompetenzi/attivitajiet tagħha fil-livell tal-UE u/jew nazzjonali.

Għażla 2 – “ENISA Riformata”. Din l-għażla tibni fuq il-mandat attwali tal-ENISA bil-għan li jiġu adottati bidliet selettivi li jqisu l-evoluzzjoni tad-dinja taċ-ċibersigurtà. L-Aġenzija tingħata mandat permanenti abbażi tal-punti ewlenin li ġejjin: appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE; il-bini tal-kapaċitajiet; għarfien u infurmazzjoni; kompiti relatati mas-suq; ir-riċerka u l-innovazzjoni; u l-kooperazzjoni operazzjonali u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

Għażla 3 – Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà b'kapaċitajiet operazzjonali sħaħ. Din l-għażla timplika r-riforma tal-ENISA billi jinġabru flimkien tliet funzjonijiet ewlenin: 1. Funzjoni ta' politika/konsultattiva; 2. Ċentru għall-infurmazzjoni u l-għarfien espert, u 3. Skwadra ta' Rispons ta' Emerġenza tal-Kompjuters (CERT). Din l-għażla tinvolvi l-aktar l-istess bidla fl-ambitu tal-mandat bħall-Għażla 2. Madankollu, jiżdiedu kompiti fil-qasam tar-rispons għall-inċidenti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, biex l-Aġenzija tkopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja taċ-ċibersigurtà u tiegħu ħsieb il-prevenzjoni, il-kxif u r-rispons għall-inċidenti ċibernetiċi.

Iċ-ċertifikazzjoni

Għażla 0 – Xenarju bażi – ma jsir xejn. B'din l-għażla, l-Kummissjoni żżomm l-istatus quo u ma tinvolvi ruħha fl-ebda azzjoni ta' politika jew leġiżlattiva.

Għażla 1 – Miżuri mhux leġiżlattivi (“mhux vinkolanti”) B'din l-għażla, il-Kummissjoni tuża strumenti ta' politika mhux vinkolanti (eż. komunikazzjonijiet interpretattivi, appoġġ għal inizjattivi ta' awtoregolazzjoni madwar l-UE kollha u attivitajiet ta' standardizzazzjoni) bil-għan li ttejjeb it-trasparenza u tnaqqas il-frammentazzjoni.

Għażla 2 – Att leġiżlattiv tal-UE biex il-ftehim tas-SOG-IS jiġi estiż għall-Istati Membri kollha. B'din l-għażla ta' politika, il-Kummissjoni tipproponi att leġiżlattiv biex testendi s-sħubija legalment għall-Istati Membri kollha.

Għażla 3 – Qafas ġenerali tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-ICT. Din l-għażla tinvolvi l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew għaċ-Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà (inkluż Grupp ta' Esperti kompost mill-awtoritajiet nazzjonali) imsejjes kemm jista' jkun fuq skemi eżistenti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. Bażikament, il-qafas jippermetti l-istabbiliment ta' skemi taċ-ċertifikazzjoni tal-UE li jiġu aċċettati fl-Istati Membri kollha.

L-għażla ppreferuta hija kombinazzjoni tal-Għażla 2 għall-ENISA u l-Għażla 3 għaċ-ċertifikazzjoni.

Liema huma l-partijiet konċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet konċernati mill-kategoriji kollha (l-Istati Membri, l-industrija, l-istituzzjonijiet tal-UE, il-komunità tar-riċerka) li haġu sehem fil-konsultazzjonijiet deħru li appoġġaw l-għażla ppreferuta għax jappoġġaw it-tiżiħ tal-ENISA u l-ħolqien ta' Qafas Ewropew għaċ-Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà tal-ICT.

B'mod partikolari, kien hemm kunsens dwar il-qbil li (bħala minimu) jkun hemm aġenzija tal-UE li taħdem tajjeb b'mandat permanenti, b'riżorsi adegwati u b'mandat biex taffaċċja l-isfidi tal-lum u ta' għada fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Jeżisti qbil ġenerali fost il-partijiet konċernati dwar il-ħolqien ta' qafas volontarju u skalabbli fil-livell Ewropew.

Min-naħa tal-industrija, din is-soluzzjoni għaċ-ċertifikazzjoni hija appoġġata min-negozji, li diġà huma soġġetti għar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni, u li jibbenefikaw minn mekkaniżmu mifruq mal-UE kollha abbażi tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati. Huwa appoġġat ukoll mill-SMEs, li jbatu l-aktar fil-każ ta' proċessi differenti ta' ċertifikazzjoni fi Stati Membri differenti. Xi Stati Membri, b'mod partikolari dawk b'inqas riżorsi, u xi rappreżentanti mill-industrija u mill-istituzzjonijiet tal-UE esprimew ukoll l-approvazzjoni għall-Għażla 3 għall-ENISA.

C. IMPATTI TAL-GĦAŻLA PREFERUTA

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?

Bl-għażla ppreferuta, l-UE jkollha aġenzija li tiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri, lill-istituzzjoni tal-UE u lin-negozji f'oqsma fejn dan iġib l-akbar valur miżjud. Dawn ikopru: l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva NIS; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika; informazzjoni, għarfien u sensibilizzazzjoni; ir-riċerka; il-kooperazzjoni operazzjonali u l-ġestjoni tal-kriżijiet; is-suq. B'mod partikolari, l-ENISA tappoġġa l-politika tal-UE fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-ICT, billi tiżgura l-manutenzjoni amministrattiva u l-ġestjoni teknika ta' Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà tal-ICT. Qafas bħal dan fil-fatt jistabbilixxi sett ta' regoli dwar il-governanza għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-ICT fl-UE, u b'hekk irawwem sistema tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati maħruġa fl-Istati Membri kollha. Is-soluzzjoni li dawn l-għażliet jiġu kkombinati titqies bħala l-aktar effettiva biex l-UE tilħaq l-għanijiet identifikati ta': żieda fil-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà; l-istat tat-tnejjija; il-kooperazzjoni; is-sensibilizzazzjoni; it-trasparenza; u l-evitar tal-frammentazzjoni tas-suq. Din l-għażla hija l-aktar waħda koerenti mal-prijoritajiet ta' politika għax hija mnaqqxa fl-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà u fil-politiki marbuta magħha (eż, id-Direttiva NIS), u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali. Barra minn hekk, din l-għażla tilħaq l-għanijiet permezz ta' użu raġonevoli tar-riżorsi.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?

Minkejja li tingħata rwoli ġodda, “ENISA Rifformata” tibqa’ organizzazzjoni flessibbli. Il-kontribuzzjoni finanzjarja meħtieġa mill-baġit tal-UE tkun oġhla milli hija llum iżda xorta tibqa’ ferm inqas minn dik ta’ aġenziji oħra li joperaw ukoll f’oqsma kritiċi.

Il-ħolqien ta’ Qafas Ewropew għaċ-Ċertifikazzjoni tas-Sigurtà tal-ICT ma jkunx jinvolvi spejjeż addizzjonali bil-quddiem għall-industrija (inkluż għall-SMEs). Minflok, dan jiġġenera ffrankar sinifikanti għal dawk l-impriżi li diġà jiċċertifikaw il-prodotti tagħhom jew li lesti jwettqu ċertifikazzjoni tas-sigurtà, b’effetti pożittivi fuq il-kompetittività tagħhom madwar id-dinja kollha. Min-naħa l-oħra, dan ikun jinvolvi ċerti impenji baġitarji biex tiġi żgurata l-manutenzjoni tal-Qafas, li tiġi pprovduta l-aktar permezz tal-mudell tal-“ENISA Rifformata”, sa fejn huma involuti l-kompiti tekniċi u segretarjali.

Se jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Le. L-ispejjeż assoċjati mat-tisħiħ tal-ENISA jiġġarrbu fil-biċċa l-kbira mill-baġit tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jkun jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji lill-Aġenzija. Mil-lat taċ-ċertifikazzjoni, l-impatt ewlieni fuq il-baġits u l-amministrazzjoni nazzjonali iseħħ bit-twaqqif ta’ awtorità taċ-ċertifikazzjoni, fejn xieraq.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Le.

Il-proporzjonalità?

L-għażla preferuta tinkludi miżuri bilanċjati, li lkoll jitqiesu meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet inkwistjoni mingħajr ma jiġi impost piż żejjed fuq il-partijiet konċernati rilevanti. Għaldaqstant, din l-inizjattiva titqies konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

D. SEGWITU

Meta se tiġi riveduta l-politika?

Issa huwa propost li l-ewwel evalwazzjoni sseħħ ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-istrument legali. Imbagħad, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tagħha, flimkien ma’ proposta għar-rieżami tagħha jekk dan ikun xieraq. Evalwazzjonijiet susseggwenti jseħħu kull ħames snin.